**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 14 ta' Settembru, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 92/2020 AF**

**A & A Blasting Services Limited (C-62744)**

**vs**

**Quintus International Limited (C-38406)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi A & A Blasting Services Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjetà intimata hija debitrici tas-socjetà rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' wiehed u ghoxrin elf seba' mija u hames Ewro u disgha u sebghin centezmu (€21,705.79) rapprezentanti bilanc

minn ammont kbir dovut ghal xogholijiet rezi mis-socjetà rikorrenti fuq inkarigu tas-socjetà intimata.

Minkejja illi s-socjetà intimata giet interpellata diversi drabi sabiex thallas u dan anke permezz ta' ittri ufficcjali 118/2019 u 119/2010, hija baqghet inadempjenti [Kopji hawn annessi mmarkati Dok. A u B rispettivament] u dahlet risposta fl-atti tal-ittri ufficcjali msemmija li tali dejn mhux dovut.

Minkejja dan sussegwentement ghall-ittra ufficcjali u r-risposti taghha fl-atti tal-imsemmija ittri, hija ghaddiet pagament ta' hamest'elef Ewro (€5000) akkont tal-ammont dovut.

Minn dan isegwi li dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tar-rikorrenti, s-socjetà intimata m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti u ghalhekk il-kawza odjerna tista' tigi deciza abbazi tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Id-direttur tas-socjetà rikorrenti jaf personalment bil-fatti hawn fuq esposti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza abbazi tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioè bid-dispensa tas-smiegh.

2. Tiddikjara li s-socjeta intimata hija debitrici tas-socjetà rikorrenti fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf seba' mija u hames Ewro u disgha u sebghin centezmu (€21,705.79).

3. Tordna lis-socjetà intimata sabiex fi zmien qasir u perntorju jhallsu lis-socjetà rikorrenti s-somma dovuta kif gie dikjarat aktar 'il fuq u ghar-ragunijiet premessi oltre l-imghax mid-data tal-ewwel fattura dovuta hekk kif indikati fl-istatement li qieghed jigi hawn anness.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri ufficcjali u tal-mandati ta' sekwestru kawtelatorju kontra s-socjetà intimata li minn issa tibqa' ngunta in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li s-socjetà intimata, minkejja d-debita notifika, baqghet ma dehritx biex twiegeb ghall-kawza.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li s-socjetà intimata hija debitrici tas-socjetà rikorrenti fl-ammont ta' wiehed u ghoxrin elf seba' mija u hames Ewro u disgha u sebghin centezmu (€21,705.79);

3. Tikkundanna lis-socjetà intimata thallas lis-socjetà rikorrenti s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf seba' mija u hames Ewro u disgha u sebghin centezmu (€21,705.79), bl-imghaxijiet kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Quintus International Limited.

IMHALLEF

DEP/REG